MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħ'Attard

# IT-TMIN LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 67

20 ta' Diċembru 2023

Il-Kunsilli Lokali Ħ'Attard iltaqa' online b'xi membri fis-Sala tal-Kunsill li jinsab fl-indirizz 13/15, Triq Sant'Anna, Ħ'Attard, fis-5.30 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:
STEFAN CORDINA – Sindku
Helen Caruana – Kunsillier
John P. Bonnici – Kunsillier
Remigio Bartolo – Kunsillier
Silvio Brincat – Kunsillier
Giorgio Mario Schembri – Kunsillier

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):
Alexander Louis Mangion – Viċi Sindku
Maria Concetta Scerri – Kunsillier
Victor Galea - Kunsillier

ASSENTI

UFFIĊJAL PREŻENTI:
Marica Mifsud Mintoff - Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku, is-Sur Stefan Cordina ppresjieda l-laqgħa. Il-laqgħa bdiet fil-5.35pm. Kulħadd, minn dawk li kellhom ikunu preżenti kien daħal onlajn jew ġie fuq il-post fil-ħin.

## 67.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

67.1.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li kellha l-ittri t'apoloġiji tas-Sinjuri Galea, Mangion u Scerri.

## 67.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

67.2.1 Il-Minuti tal-laqgħa 66 ġew approvati.
L-Avukat Brincat daħal f'dan il-mument 5.36pm.

## 67.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

67.3.1 *Infrastructure Malta*

Is-Sur Cordina qal li saret il-laqgħa bejn ir-residenti u Infrastructure Malta fejn ġew ippreżentati il-pjanti li issa ħa jiġu wkoll mibgħuta lil Trasport Malta għall-approvazzjoni. Hu qal li l-laqgħa kienet waħda kordjali u ferm aħjar mill-aħħar darba u wieħed ħa jimxi minn hemmhekk. Il-Perit tal-Kunsill ħa jitlob xi *surveys* ukoll biex jara li kollox miexi skont il-pjanti u fejn hemm il-kurvaturi li mhux suppost ħarġu l-barra daqshekk, jekk ikun il-każ jerġgħu jinqalgħu a spejjeż tal-kuntrattur.

67.3.2 *Uffiċċini tal-Kunsill*

Is-Sur Cordina qal li għandu laqgħa biex jippruvaw ikomplu x-xogħolijiet. Għal din il-laqgħa għandhom jattendu l-Perit Dieter Falzon, rappreżentant tal-kumpanija u l-*Quantity Surveyer.* Is-Sur Cordina qal li jridu jieħdu l-prekawzjonijiet u f'każ li l-kuntrattur jimmolla se jiġi kkuntatjat l-Avukat biex jipproċedu u jimxu mod ieħor. Il-Perit nforma lis-Sur Cordina li fuq id-depożitu tal-lift li jammonta għal €15,000, il-Perit qallu li peress li sar xi xogħol mill-ġdid fuq il-madum u tiegħu ma kien kważi tħallas xejn jew ftit mis-somma, kif ukoll xogħol fuq il-plakkek u dwal oħra dan xorta hemm x'jitħallas. Għalhekk jekk jiżvolġu jew ikomplu jmorru ħażin l-affarijiet jistgħu jieħdu l-parir tal-Avukat u jaqbdu triq oħra.

Is-Sur Bonnici saqsa xi kemm hemm spejjeż? Is-Sur Cordina wieġeb li hemm mat-€8,000 tal-madum biss barra l-affarijiet l-oħra. Kulħadd qabel.

Il-Perit Schembri saqsa jekk hux se jintilef iktar ħin? Is-Sur Cordina qal li l-Kunsill diġà tilef ħafna ħin imma ma jistax jirrispondi din id-domanda. Hu qal li l-bibien, r-*railings* u l-ħġieġa tar-*reception* ordnati jonqos l-AC's u li jekk ifettilhom imorru fuq il-post jindunaw li vera ma baqax ħafna xogħol. Hu qal li dejjem jgħid ma fadal xejn imma fadal ħafna. Fil-fatt kompla jgħid li lis-Sid il-ġdid qallu li ħa jkollhom iġeddu ftit żmien

67.3.3 ieħor u l-ispejjeż irid jassorbihom il-kuntrattur. L-Uffiċċini l-ġodda wkoll ħa tibda l-kirja minħabba li kien hemm konċezzjoni ta' 18-il xahar li waslu kważi fi tmiemhom u dan ma tantx jaqbillu jdum għax irid jassorbi dawn l-ispejjeż hu ukoll.

Hu qal li qal dan kollu biex ikollu *go ahead* mingħand il-Kunsill biex kif jibda jimmolla jkun jista' jmexxi bl-Avukat u jkun jista' wkoll iżommhom infurmati.

Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li fir-realta' hi ġa għandha l-għamara ġo moħħha u l-blinds ordnati u għalhekk irid ilesti il-bokka tax-xaft għax ftit li xejn ikun baqa' xogħol.

67.3.4 ***Ringrazzjament***

Is-Sur Cordina qal li xtaq jirringrazzja lill-istaff kif ukoll lis-Segretarju Eżekuttiv tal-attività tal-Mixegħla li kienet suċċess u se jaħdmu fuq is-sena d-dieħla biex jirranġaw ftit l'hemm u l'hawn. Irringrazzja lill-Kunsilliera li attendew u l-Kappillan tal-parteċipazzjoni ħelwa tal-kor li żewwqu l-attività u din ġibdet in-nies. Kompla għid li l-istaff ħadem ukoll fuq il-Bazaar fejn ġabu u rsistew għall-affarijiet kollha, ġarrew, ħattew, reġgħu għabbew u naddfu kollox huma. Mill-Bazaar inġabret is-somma ta' €2,000. Hu qal hija xi ħaġa ammirevoli li tara din it-tip ta' għaqda li hemm bejniethom flimkien mal-Kunsill, apparti xi difett l'hemm u l'hawn li kulħadd għandu.

## 67.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

67.4.1 Avukat Brincat

- Saqsa rigward id-data oriġinali ta' meta suppost il-kuntrattur lesta mill-Uffiċċini l-ġodda jekk kinitx Ġunju jew Lulju tas-sena 2023? Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li suppost lesta sa Novembru 2022, ingħata estensjoni sa Mejju 2023 u għadhom mhux lesti. Hi qalet li estensjoni ingħatat darba mis-26 ta' Novembru 2022 sa 25 ta' Mejju 2023. Hi qalet li minn dakinhar l'hawn baqgħu jilgħabu trikki trakki. L-Avukat Brincat saqsa jekk humiex qegħdin f'pożizzjoni li jitolbu penali? Is-Sur Cordina qal li l-penali qegħdin *in full* għax la kkommetta ruħu li jweħħilha, lanqas li jaħfirha, la hu u lanqas is-Segretarju Eżekuttiv. Il-penalijiet ħa jibqgħu a diskrezzjoni tal-Kunsill.

67.4.2 Remigio Bartolo

- Ressaq ix-xewqa ta' Grow10Trees li jerġgħu jagħtu donazzjoni ta' siġar bħal ma nżergħu f'Masġar Pierre Muscat. Ħadd ma sab oġġezzjoni. Għandu jistaqsi fuq xi dati u jerġa' jkellem lura lill-Kunsill.

## 67.5 Rapporti:

67.5.1 Ma kienx hemm rapporti.

## 67.6 *Items* oħra ta' xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa

67.6.1 **Trasferiment ta' *leave* minn 2023 għal 2024**;

Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet għall-approvazzjoni it-trasferiment tal-*leave* skont kif jidher hawn taħt:

Yanica Sammut 6 t'ijiem
Karen Fsadni 6 t'ijiem
Sharon Debono 6 t'ijiem
Arthur Caruana 6 t'ijiem
Joanne Aquilina 3 t'ijiem
Diandra Borg Fenech 26 jum

L-Avukat Caruana qalet biss li dejjem aħjar jiġu nkoraġuti jeħduhom kollha. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li hi hekk tagħmel, tinkoraġġihom imma la jimxu mal-liġi u jġorru biss terz qisu mhux gravi daqshekk. Ħadd ma sab oġġezzjoni.

67.6.2 **Tiġdid ta' kuntratt tal-Ġbir ta' Skart Goff**

Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li x-xahar ta' qabel kienet kelmithom fuq il-kuntratt tal-bulky refuse biex jerġa' joħroġ u jiġi regolarizzat. Li ġara hu li meta hi tkellmet mal-kuntrattur qalilha li hu ġa bl-*Addendum* qed jiġbor 20 sejħa fil-ġurnata, li qiegħed ġa prezz irħas għax qed jitħallas nofs iż-żieda tal-prezz komplessiv (peress li qed jieħu biss 50% tal-prezz cioè minn €1000 qed jingħata €1500 u jiġbor id-doppju tax-xogħol kuntrattwali). Hu qal li ma jsibx oġġezzjoni li jibqa' kif inhu bil-prezz li hu u hi ġaladarba tista' tmexxi hekk u l-Kunsill ikun qed jiffranka €500 fix-xahar (€6000 fis-sena).

L-Avukat saqsiet li hekk jaqbeż l-€10,000 imma s-Segretarju u l-Perit Schembri qalu li hu qiegħed *period contract* u l-kuntratt jagħti l-faċilità li jiġġedded kull sena s'4 snin. L-Avukat Caruana saqsiet jekk jaqdihomx sew u s-Segretarju u s-Sindku qalu li n-nies kuntenti bihom. Hi qalet li l-*feedback* li kellha hi kien tajjeb ħafna. Għas-Segretarju Eżekuttiv il-finanzi huma prijorità u l-fatt li jistgħu jiffrankaw €6000 u jallokawhom fuq xi ħaġ'oħra tant aħjar.

Il-Perit Schembri qal fil-każ jiġġedded sena b'sena.

Kulħadd qabel.

## 67.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' Pagamenti.

67.7.1 Proponent: Remigio Bartolo Sekondant: John P. Bonniċi

L-iskeda ġiet approvata.

## 67.8 Mozzjonijiet; u

67.8.1 Ma kienx hemm mozzjonijiet.

## 67.9 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

67.9.1 Il-laqgħa ntemmet fis-5.56pm u ġiet aġġornata għas-17 ta' Jannar 2024 fis-5.30pm

Konfermati, illum 17 ta' Jannar 2024.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Stefan Cordina | Marica Mifsud Mintoff |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |